# IT-TIENI SEZZJONI — APPELLI KRIMINALI

**30 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

Il-Pulizija

*versus*

Henry Jones

**Inġurja — Meeting — Sentenza — Okkju tal-Kawża — Nullità — Ċitazzjoni — Art. 659(3) u (5) tal-Kap. 12.**

*Il-fatt li f'kawża ta' inġurja ad istanza privata is-sentenza tal-Maġistrat tiġi ndikata bl-isem tal-Pulizija kontra l-Kwerelat, u mhux tal-Kwerelant kontra l-Kwerelat, ma jikkostitwix vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali li ġġib in-nullità tas-sentenza. Hu deżiderabbli u sommament rakkomandabbli li f'kawża ad istanza privata l-okkju jkun jikkonsisti fl-isem tal-partijiet, kwerelant u kwerelat; imma b'daqshekk mhux attendibbli l-eċċezzjoni li s-sentenza hija nulla għax ikun hemm dan l-iżball fl-okkju.*

*Hu veru li fil-kawżi kriminali inferjuri ċ-ċitazzjoni hi biss ordni ta' komparizzjoni, jew mod ta' preżentazzjoni tal-imputat quddiem l-Awtorità Ġudizzjarja; hu veru wkoll li l-enunċjazzjoni li fiha ċ-ċitazzjoni ma tikkostitwix il-bażi assoluta tal-inkriminazzjoni, u għalhekk il-Qorti tista' tikkonvinċi l-ħati ta' reat divers li jirriżulta mill-provi, salv, fiċ-ċirkustanti kongruwi, l-għoti ta' differiment; imma meta hemm il-kwerela, u meta din ma tkunx sempliċement li l-kwerelat inġurja lill-kwerelant bi kliem li joffendu l-unur u r-riputazzjoni tal-kwerelant, imma tispeċifika "verbatim" il-kliem inkriminat, allura l-kwerelant hu marbut b'dawk il-kliem bħala bażi tal-inkriminazzjoni, u l-Qorti għandha tieħu unikament dawk il-kliem bħala bażi tal-imputazzjoni, u mhux oħrajn. Dan, però, ma jippreklud̄ix lill-Qorti illi, sabiex tiġġudika l-portata tal-imputazzjoni kontenuta f'dawk il-kliem, tqies anki kliem inġurjuż ieħor proffferit mill-kwerelat; iżda sempliċement in linea ta' nterpretazzjoni tal-kliem speċifikatament dedott.*

*In teorija hu korrett illi, meta l-inġurja hija rivolta għal ċerti persuni appartenenti għal ċerta klassi jew kategorija ta' nies, mhux applikabbli l-prinċipju li kull wieħed minn dawk il-persuni jista' jazzjona lill-persuna li pproffieriet il-kliem inġurjuż; imma meta l-inġurja hi rivolta kontra klassi ta' persuni li minħabba xi element komuni jkunu identifikabbli b'mod mhux dubbjuż, u tkun hekk diretta kontra lkoll komplessivament, allura kull wieħed minnhom jista' jazzjona, għaliex ikun hemm allura r-rekwiżit tad-determinatezza personali. Għall-kuntrarju, jekk l-inġurja tkun rivolta kontra xi uħud minnhom biss indeterminatament, bla identifikazzjoni individwali, allura ebda wieħed minnhom ma jista' jazzjona, għaliex jonqos appuntu l-element taddeterminatezza personali, u wieħed ma jkunx jaf għal liema minn dik il-klassi kollettiva qed jalludi min qal il-kliem inkriminati.*

*Iżda, meta wieħed jiġi biex japplika dawn l-insenjamenti għallkaż partikulari, wieħed għandu joqgħod attent li jeżamina dak kollu li ngħad u ċ-ċirkustanzi kollha konkomitanti; għaliex jista' jkun illi kelma apparentement limitattiva, meta tkun meqjusa fil-kontest tad-diskors kollu u ċ-ċirkustanzi kollha, titlef l-effett tagħha limitattiv u tibqa', minflok, ir-riferenza ġenerali u llimitata.*

*Il-fatt li l-kliem inġurjuż intqal f'meeting publiku ma jiswiex lill-kwerelat; għaliex ebda pożizzjoni privileġġjata ma tagħti l-liġi tagħna lil min jagħmel diskorsi f'meetings aktar milli tirrikonoxxi lil persuni oħra f'ċirkustanz diversi, u tapplia għalihom ir-regoli ġenerali tal-imputabbilità.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imsemmi Henry Jones, fuq kwerela ta' Dr. Alfredo Cauchi, M.D., Dr. Eucaristico Attard, M.D., Dr. Salvu Debono, M.D., Dr. Victor Attard Bondi', M.D., Dr. William Grima, M.D., Dr. Humbert Grech, M.D., Dr. Raphael Patiniott, M.D., u Dr. Anton Tabone, M.D., talli fir-Rabat, Għawdex, waqt meeting publiku miżmum mill-kwerelat fit-Tokk, fil-31 ta' Mejju 1959 fil-għodu, il-kwerelat inġurja gravement lill-kwerelanti fil-fama u riputazzjoni tagħhom, bil-kliem "iżda huwa veru li ċerti tobba f'Għawdex ta' spiss jgħidu lill-pazjenti

*tagħhom iġibulhom professur minn Malta biex jaqsmu miegħu";*

Rat il-kwerela annessa maċ-ċitazzjoni;

Rat il-verbal tat-22 ta' Settembru 1959 quddiem dik il-Qorti, li bih il-kwere'at talab il-liberazzjoni tiegħu bl-ispejjeż mill-kwerela għall dak li jirrigwarda lil Dr. Victor Attard Bondì u Dr. Raphael Patiniott, stante li dawn ma kienux preżenti fil-Qorti waqt is-smiegħ tal-kawża;

Rat il-verbal l-ieħor tal-istess data, li bih ġiet ordnata l-liberazzjoni tal-kwerelat għar-rigward tal-imsemmija kwerelanti assenti mill-awla, bl-ispejjeż relattivi kontra tagħhom, skond l-art. 386(d) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verbal l-ieħor tal-istess data, li bih il-kwerelat eċċepixxa illi l-kliem riportat fil-kwerela u fiċ-ċitazzjoni ma jikkostitwix inġurja, u illi, sussidjarjament, din mhix gravi u speċifika;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ewwel ta' Diċembru 1959, li biha, fil-waqt li kkonfermat id-digriet tagħha tat-22 ta' Settembru 1959 u l'iberat lill-kwerelat fil-konfront tal-kwerelanti Dr. Victor Attard Bondì u Dr. Raphael Patiniott, bl-ispejjeż relattivi kontra tagħhom, ċjoè kwart mill-ispejjeż li saru sad-digriet imsemmi, iddeċidiet għar-rigward tal-kwerelanti l-oħra billi sabet lil-kwerelat ħati talli r-Rabat, Għawdex, waqt meeting publiku miżmum mill-kwerelat fit-Tokk. fil-31 ta' Mejju 1959, filgħodu, inġurja gravement lil-kwerelanti fil-fama u fir-riputazzjoni tagħhom, u kkundannatu £10 multa u l-ispejjeż tal-kawża, barra dawk fuq indikati; wara li kkunsidrat;

Illi, bħala preliminari, il-Qorti stess issollevat l-eċċezzjoni dwar id-determinatezza tal-persuni li kontra tagħhom hija diretta l-inġurja kemm il-darba din kienet sejra tkun ristretta għall-kliem riportat fiċ-ċitazzjoni, u dan in bażi tal-prinċipju illi, jekk il-persuna li kontra tagħha hija diretta *l-inġurja tkun inċerta,* huwa dover tal-ġudikant li jwaqqaf minnufih il-kawża;

Illi fuq din l-eċċezzjoni l-partijet issottomettew nota ta' osservazzjonijiet, iżda l-kwerelanti fin-nota tagħhom urew lil jridu jippruvaw mix-xhieda illi, għalkemm il-kwerelat seta' uża l-kelma "ċerti", fil-fatt l-attakk tiegħu kien dirett kontra t-tobba ta' Għawdex indiskriminatament;

Illi għalhekk inħolqot il-ħtieġa li jinstemgħu x-xhieda, peress li, non ostante l-kliem riportati fiċ-ċitazzjoni, il-kwerelat ma għandux ir-responsabbiltà tiegħu limitata għas-sempliċi kliem hekk riportat, imma għall-kliem kollu nġurjuż li huwa seta' qal fiċ-ċitata okkażjoni, u ċjoè meta huwa għamel il-meeting fit-Tokk tar-Rabat, Għawdex, fil-31 ta' Mejju 1959;

Hija ġurisprudenza kostanti illi, għalkemm iċ-ċitazzjoni għandha tkun fiha fil-qosor il-fattijiet tal-akkuża, ma humiex dawn il-fatti li jirriżultaw mill-provi li jiċċirkoskrivu l-akkuża;

Mill-provi rriżulta mingħajr ebda dubju li l-kliem riportati fiċ-ċitazzjoni ma kienux l-uniċi dwar it-tobba f'Għawdex li l-kwerelat qal waqt l-imsemmi meeting. Infatti, bejn ix-xhieda ma hemmx diverġenzi dwar il-parti tad-diskors li ntroduċiet il-kliem lamentat, u li hija importanti mhux biss għaliex fiha nnifisha tikkostitwixxi nġurja, imma għaliex hija wkoll tagħti lill-kliem lamentati s-sinifikat pjen li l-kwerelat ried li jagħtihom;

Ix-xhud George Masini jgħid li l-kwerelat qal hekk:— "Dr. Anton Tabone, minflok imur jiekol mal-Gvernatur, imissu jitlob lill-Gvernatur biex jibgħat professur ħarba fil-ġimgħa b'xejn. Imma t-tobba tagħkom ma jaqblilhomx iġibu l-professur b'xejn, għax il-professuri li jġibu biex idewwukom jaqsmu magħhom". Hu dan ix-xhud, Franco Masini, żied ma' dan il-kliem, u qal li l-kwerelat beda biex jgħid:— "L-avukati lagħbukom. Issa oqogħdu attenti li l-kuġini tagħhom, it-tobba, ma jagħmluhielkomx huma". P. C. 138 Paul Cassar żied frażi oħra ma' dak li ġa ntqal, u ċjoè illi l-kwerelat qal ukoll:— "It-tobba ta' Għawdex raw kif għamlu biex kien hawn tabib tajjeb ħelsu minnu, li hu Dr. Tua". Il-P. L. Marċell Mizzi qal li s-sens tad-diskors ta'

Henry Jones kien li t-tobba kollha qed jagħmlu klikka bejniethom kontra l-poplu; u P. C. 181 Carmelo Vella, P. C. 258 Joseph Apap, u P. C. 703 Francis Xuereb, kollha qalu li t-tobba ta' Għawdex ġew akkużati mill-kwerelat li ħelsu mit-Tabib Tua u bagħtuh Malta;

Kieku kien hemm bżonn xi konferma oħra tad-dikjarazzjonijiet tal-kwerelat fuq it-tobba ta' Għawdex in aġġunta għal dik riportata fiċ-ċitazzjoni, din ġiet fornita mix-xhud tad-difiża Joseph Debono, li tkellem huwa wkoll waqt il-meeting in kwistjoni. Dan ix-xhud ikkonferma li Henry Jones qal li Dr. Tabone messu talab biex it-Tabib Tua jibqa' Għawdex, u li dan it-tabib spiċċa għaliex it-tobba ma rieduħx hemm;

Illi għalhekk jidher ċar li s-sekwela tal-kliem tal-kwerelant kienet hekk:— "L-avukati lagħbukom, issa oqogħdu attenti li l-kuġini tagħhom, it-tobba, ma jagħmluhielkomx huma. Dr. Anton Tabone, minflok imur jiekol mal-Gvernatur, imissu jitlob lill-Gvernatur biex jibgħat professur darba fil-ġimgħa b'xejn; imma t-tobba (jew ċerti tobba) f'Għawdex ma jaqbliħomx iġibu l-professur b'xejn, għax il-professuri li jġibu biex idewwukom jaqsmu magħhom. It-tobba f'Għawdex raw kif għamlu biex kien hawn tabib tajjeb ħelsu minnu, li hu Dr. Tua";

Issa, l-unika kwistjoni li tista' tqum hija dwar frażi waħda, u ċjoè jekk għar-rigward biss tat-tobba li ġew akkużati li jaqsmu mal-professuri ġietx użata l-kelma "ċerti" jew le, għaliex għall-akkużi l-oħra, u ċjoè li t-tobba intenzjonati jilgħabu lill-Għawdxin, u li huma raw kif għamlu biex ħelsu mill-uniku tabib tajjeb, ix-xhieda huma kollha konkordi li dawn kienu diretti għat-tobba ta' Għawdex kollha;

Il-parti l-kbira tax-xhieda qalu li, għalkemm ma humiex ċerti jekk intużatx il-kelma "ċerti" meta ġew immsemmija t-tobba li suppost jaqsmu mal-professur li jġibu għall-pazjent, però huma fehmu li kienet riferibbli għat-tobba ta' Għawdex kollha; u meta hemm id-dikjarazzjoni ta' ħafna xhieda, anki nies ta' ċerta serjetà, li huma feh-

mu hekk, il-kliem użat huwa immaterjali; għaliex huwa dak li jifhmu n-nies normali bil-kliem użat li huwa l-bażi tal-ġudizzju fuq l-istess kliem;

Illi l-punti l-oħra l-oħra sollevati mil-l-kwerelat, li ġew imsemmija t-tobba f'Għawdex u mhux it-tobba Għawdxin, u li ġew imsemmija "professuri" u mhux "consultants" jew "specialists", ma jimmeritawx konsiderazzjoni serja; għaliex fl-ambjent fejn sar il-meeting, min kien qiegħed jisma ma setgħax jifhem ħaġ'oħra ħlief li t-tobba kienu dawk li normalment jeżerċitaw il-professjoni tagħhom Għawdex, u li l-professuri kienu dawk il-"consultants" jew "specialists," jew professuri, li normalment isejħulhom il-"practitioners" f'ċerti każi;

Għalhekk jidher illi d-diskors tal-kwerelat kien dirett kontra t-tobba kollha li normalment jeżerċitaw ġo Għawdex, u ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li dan kien inġurjuż b'mod ċar u speċifiku. Id-Digesto Italiano, Vol. XIII, Parte I, paragrafu, 44, jgħid:— "Ritenne il Collegio che a integrare l'estremo della determinatezza del fatto nel fatti nel reato di diffamazione non occorre specificare i particolari di tempo, di modo, di luogo, ma basta la specificazione precisa di un fatto, di una sequela di fatti . . . ." Issa, li tgħid li tabib qiegħed fi klikka biex jilgħab lillpoplu, li jieħu parti f'ħidma sabiex jiġi mneħħi tabib ieħor mid-distrett tiegħu, u li jġib professur għall-pazjent mhux għax dan ikollu bżonnu, imma biex jaqsam il-profitt, huma addebiti speċifiċi, u mhux sempliċi nġurji vagi. Għal Dr. Tabone personalment hemm ukoll aġġunta l-inġurja li bħala president tas-"Civic Committee" ta' Għawdex huwa qed inoġġi l-pranzi mal-Gvernatur qabel id-dover tiegħu lejn il-publiku li eleġġieh;

Illi l-elementi meħtieġa għall-azzjoni kollettiva, bħal dik preżenti, huma li d-diffamazzjoni tkun rivolta kontra pluralità ta' persuni li minħabba xi element komuni jkunu lkoll identifikabbli f'mod mhux dubju, u tkun hekk diretta kontra lkoll, sija pure komplessivament, u dawn l-elementi huma soddisfatti, kif ġa ġie espost;

Hu veru li l-kollettività milquta mill-inġurja ma għan-

dhiex tkun daqshekk estiża, biex tista' taġixxi, li titlef kwalunkwe idea ta' individwalità, bħal li kieku l-inġurji jkunu diretti kontra t-tobba f'sens ġeneriku. Imma meta ġew speċifikati t-tobba f'Għawdex, li b'kollox huma biss tnax il-ruħ, u eżerċenti f'sens privat ma hemmx ħlief tmienja, in-numru jsir daqshekk żgħir li jirrendi lill-individwi faċilment determinabbli;

Illi l-kwerelat talab estensjoni ta' żmien biex jagħmel il-prova tal-verità tal-fatti, peress li wieħed mill-kwerelanti, ċjoè t-Tabib Anton Tabone huwa l-president tal-"Gozo Civic Committee"; iżda din it-talba ma saretx, kif kellha ssir, fil-bidu tas-smiegħ tal-kawża, u ma kienetx akkompanjata mill-assunzjoni tar-responsabbità għall-inġurja da parti tal-kwerelat kif inhu meħtieġ skond id-dispost tal-art. 266(2) (a) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk ma setgħetx tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi konfermata in kwantu, b'rikjam għad-digriet minnha preċedentemnet mogħti, illiberat lill-esponent fil-konfront ta' Dottor Attard Bondì u ta' Dottor Patiniott, bl-ispejjeż, u li tiġi revokata in kwantu għall-kumplament, fis-sens li ssib lill-imputat mhux ħati, u tilliberaħ;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-kwerelat issolleva l-preġudizzjali tan-nullità tas-sentenza appellata, anzi l-ineżistenza "in lege" tagħha, fuq il-motiv li fl-oriġinal tas-sentenza, li jinsab fol. 30 tal-karti proċesswali, l-okkju hu ndikat bħala l-"Pulizija vs. Henry Jones", mentri l-kawża kienet ad istanza privata, u għalhekk kien imissu. minflok il-kliem "Il-Pulizija", ikun hemm l-ismijiet tal-kwerelanti. Ma hemmx bżonn jingħad li, a differenza tad-deċiżjonijiet pronunzjati minn din il-Qorti, dawk pronunzjati mill-Qrati Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja jiġu konservati fl-oriġinal tagħhom (art. 659 (3) (5) Kap. 12). Issa, hu veru li "de stylo curiae", meta l-kawża tkun ad istanza tal-parti

offiża, jew, *kif jingħad* komunement, "a querela di parte", allura soltu l-okkju jikkonsisti fl-isem tal-partijiet, kwerelanti u kwerelati. *Hu veru* wkoll illi hu sommament rakkomandabbli li din il-"praxis curiae" tibqa' tiġi osservata, anki in bażi għall-*massima* "non est recedendum a comuni observantia". Però, l-Imħallef sedenti ma hux ta' opinjoni li dak il-"lapsus" *jġib nullità*. Għandu jiġi rilevat li, kif wieħed jista' aġevolment jargumenta mit-tenur tal-parti finali tat-tielet subartikolu tal-art. 440 tal-Kodiċi Kriminali, hemm nullità meta ssir vjolazzjoni ta' xi formalità preskritta mil-liġi taħt piena ta' nullità jew altrimenti sostanzjali. Issa, ċert hu li ma hemm ebda liġi li tikkommina n-nullità in bażi għall-punt sollevat mid-difiża; jibqa' għalhekk li wieħed jara jekk il-formalità hijiex sostanzjali;

Bla dubju, l-okkju hu parti importanti ta' att ġudizzjarju; iżda f'dan il-każ hemm dawn ir-riflessjonijiet. Għalkemm l-art. 385 Kap. 12 jgħid li fir-reati ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, dan l-artikolu għandu jiġi korrelatat mal-art. 4(1) Kap. 12, li jgħid li l-azzjoni kriminali hija publika, u tiġi eżerċitata per mezz jew tal-Attorney General jew tal-Pulizija, u partikolarment mat-tieni subartikolu, li jgħid illi "A criminal action is prosecuted ex officio in all cases where the complaint of the private party is not requisite to set the action in motion". Vwoldiri, li l-azzjoni kriminali hi publika, u tiġi eżerċitata per mezz tal-Attorney General jew tal-Pulizija, b'dan, però, li hemm każijiet fejn ma tiġix eżerċitata "ex officio", imma sabiex timprimi moviment lill-azzjoni teħtieġ il-kwerela tal-parti offiża. Iżda l-eżerċizzju tagħha jibqa' dejjem per *mezz* tal-Attorney General jew tal-Pulizija. Tant hu hekk li l-kwerelant jibgħat il-kwerela lill-Pulizija, fil-każijiet *kongruwi*, sabiex din tmexxi l-azzjoni, u ċ-ċitazzjoni tinħareġ mill-Pulizija, bil-firma ta' uffiċjal tagħha. Jiġi *anki* osservat li fil-korp tas-sentenza "de qua" hemm riferenza kontinwa għall-kwerelanti u għall-kwerelat, u fil-parti finali tagħha hemm, kif soltu jsir filkawżi hekk imsejħa "privati", it-tassazzjoni tal-onorarju tad-difensuri; vwoldiri l-Qorti, *non* ostanti l-"lapsus" fuq imsemmi, fil-fatt ittrattat il-kawża bħala kawża privata;

Stante dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jidhérx li jista' jingħad li hemm vjolazzjoni ta' formalità sostanzjali; u għalhekk id-deduzzjoni tad-difiża tiġi respinta;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

L-aggravju dedott hu fis-sens li l-persuna jew il-persuni li għalihom saret allużjoni mill-appellant ma humiex individwati, u lanqas individwabbli, u għalhekk l-azzjoni tal-kwerelanti ma hijiex sostenibbli. Kompla jgħid l-appellant, fir-rikors tiegħu, illi l-parti l-kbira tax-xhieda ikkonfermaw il-kliem skond il-kwerela, u f'dawk il-kliem ma hemmx l-elementi li huma l-bażi tal-azzjoni kollettiva f'każ ta' nġurja;

Il-kliem kontenuti fil-kwerela, li fuqhom qiegħed joqgħod l-istess appellant, huma dawn:— "Iżda ħuwa veru li ċerti tobba f'Għawdex ta' spiss jgħidu lill-pazjenti jġibulhom professur minn Malta biex jaqsmu miegħu";

Ma hemmx dubju li dawn il-kliem — apparti oħrajn imsemmijin fis-sentenza appellata — huma nġurjużi, għaliex jimpurtaw l-affermazzjoni illi t-tabib ta' Għawdex jikkonsilja lill-pazjent biex isejjaħ lill-professur minn Malta mhux għax ikun motivat mill-andament tal-marda, imma għal fini merċenarju; u jimpurtaw aġir professjonali indekorus;

Jiġi rilevat li din il-Qorti sejra tqies dawn il-kliem biss, u mhux oħrajn, bħala bażi tal-imputazzjoni. Hu veru li, fil-kawżi kriminali inferjuri ċ-ċitazzjoni hi biss ordni ta' komparizzjoni, jew mod ta' preżentazzjoni tal-imputat quddiem l-Awtorità Ġudizzjarja (App. Krim. "Pul. vs. Ashby", 12 ta' Awissu 1917). u veru wkoll li l-enunċjazzjoni li fiha ma tikkostitwixxix il-bażi assoluta tal-inkriminazzjoni, u l-Qorti tista' għalhekk tikkonvinċi l-ħati ta' reat divers li jirriżulta mill-provi, salv, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, l-għoti ta' differiment (App. Krim. "Pul. vs. Debono". 12.1.1918); iżda, meta hemm il-kwerela, u meta din ma tkunx sempliċement li l-kwerelat inġurja lill-kwerelant bi kliem li joffendu l-unur u r-riputazzjoni tal-kwerelant, imma tispeċifika "verbatim" il-kliem inkriminat, allura l-kwerelant hu mar-

but b'dawk il-kliem bħala bażi tal-inkriminazzjoni, għaliex ikun hu stess li allura qiegħed jiddikjara li b'dawk il-kliem hu ħass ruħu offiż (ara, f'materja analoga, Odgers "On Libel and Slander", p. 117, fejn jingħad li l-imputazzjoni għandha tkun limitata għall-kliem speċifikat bħala ngurjużi, jew għall-"innuendo" ndikat, u ma tistax toħroġ mill-limiti tal-wieħed jew l-ieħor). Divers kien ikun il-każ, kif ġa ngħad, meta l-kwerela tkun konċepita fi kliem ġeneriċi, bla indikazzjoni tal-espressjonijiet kontumeljużi;

Għalhekk, *il-Qorti sejra tieħu* unikament bħala bażi tal-imputazzjoni l-kliem fuq imsemmijin, li hemm fil-kwerela u fiċ-ċitazzjoni, u mhux oħrajn. Dan, s'intendi, ma jippreludix lill-Qorti illi, sabiex tiġġudika l-portata tal-imputazzjoni kontenuta f'dawk il-kliem, tqies anki kliem ingurjuż ieħor profferit mill-kwerelat, iżda sempliċement in linea ta' nterpretazzjoni tal-kliem speċifikatament dedott;

Jingħad ukoll illi din il-Qorti tirritjeni bħala fatt li l-*kwerelat uża l-kelma "ċerti"*, ċjoè *"ċerti tobba . . ."*. L-ewwelnett, l-istess kwerelanti jinkludu din il-kelma fl-ispeċifikazzjoni "totidem verbis" tal-ingurja, u kwindi hemm speċi ta' ammissjoni tagħhom li dik il-kelma ġiet fil-fatt użata; u t-tieni, diversi xhieda huma pożittivi li semgħu dik il-kelma; u x-xhieda l-oħra, Franco u George Masini, li jeskluduha, jgħidu biss li ma jafux jekk intqalgħetx, ossija li ma jiftakrux, ossija li ma humiex żguri; tibqa' għalhekk attendibbli x-xhieda ta' dawk li huma pożittivi li semgħuha;

Hemm żewġ xhieda, Rosa Camilleri fol. 26 u Joseph Debono fol. 27, li jgħidu li l-kwerelat fil-meeting qal espressament li ma kienx qiegħed jgħid għat-tobba kollha; imma ma jidherx li dawn il-kliem l-oħra għandhom jiġu aċċettati bħala pruvati, għaliex ebda xhud ieħor fost in-numru kbir ta' xhieda ma qalhom; u anki għaliex l-istess kwerelat, fir-rettifika li dehret fil-ġurnal "Malta Tagħna" fol. 14, ma qalx li hu qal anki dawn il-kliem, imma semma

ciss li qal il-kelma "ċerti"; u li l-kliem "mhux it-tobba kollha", li hemm in parentesi f'dik ir-rettifika, qegħdin mhux bħala kliem li ntqalu minnu, imma bħala spjegazzjoni tiegħu tal-effett tal-kelma "ċerti". Vwoldiri, hu kiteb liddirettur tal-ġurnal fis-sens li hu kien qal il-kliem "ċerti tobba", u li għalhekk, skond hu, ma kienx qed jirriferixxi għat-tobba kollha; f'dik ir-rettifika ma ppretendiex li qal espressament fil-meeting il-kliem li hu ma kienx qed jgħid għat-tobba kollha, iżda ppretenda biss li qal il-kelma "ċerti", u li dik il-kelma kienet timporta li hu ma kienx qed jgħid għat-tobba kollha. Barra minn dan, il-kwerelat, fin-nota magħmula minnu stess fol. 12 u minnu firmata, semma biss il-kelma "ċerti", u ma semmiex il-kliem l-oħra — ħaġa li ċertament kien jagħmel sabiex jassoda l-argument tiegħu f'dik in-nota; dan minbarra l-fatt li l-kwerelat ma xehedx biex jgħid li qal anki dawk il-kliem l-oħra, u l-Qorti tista', skond il-ġurisprudenza, tikkommenta fuq daqshekk;

Meħudin, għalhekk, bħala bażi tal-imputazzjoni l-kliem tal-kwerela, għandu jingħad illi l-kwerelat isostni li, ladarba huwa uża l-kelma "ċerti", għalhekk hu mhux azzjonabbli, għaliex b'daqshekk hu ma kienx qiegħed jirriferixxi għat-tobba kollha, u meta r-riferenza ma tkunx għal kulħadd ta' klassi jew kategorija ta' nies, allura ma japplikax aktar il-prinċipju li kull wieħed jista' jazzjona;

In teorija dan hu korrett. Meta l-inġurja tkun rivolta kontra klassi ta' persuni, li minħabba xi element komuni jkunu identifikabbli b'mod mhux dubbjuż, u tkun hekk diretta kontra lkoll komplessivament, allura kull wieħed minnhom jista' jaġixxi, għaliex ikun hemm allura r-rekwiżit tad-determinatezza personali. Għall-kuntrarju, jekk l-inġurja tkun rivolta kontra xi uħud minnhom biss indeterminatament, bla identifikazzjoni individwali, allura ebda wieħed ma jista' jazzjona, għaliex jonqos appuntu l-element tad-determinatezza personali, u wieħed ma jkunx jaf għal liema minn dik il-klassi kollettiva qed jalludi min qal il-kliem inkriminati (ara App. Krim. "Mintoff vs. Schembri", 7 ta' Frar 1953, Vol. XXXVII-IV-1027);

F'dan is-sens ukoll jikteb il-Frola fit-trattat tiegħu "Delle Ingiurie e Diffamazioni", p. 287, fejn jirriferixxi għal din ix-xorta ta' ngurja kontra l-kollettività u juża l-kliem:— "L'ingiuria diretta in genere e senza eccezione di sorta contro gli operai inscritti in quella società . . . .";

Ta' l-istess fehma hu l-Maino, Comm. Cod. Pen. It. art. 393, p. 384, fejn jeżiġi, għall-proċedibbilità tal-inġurja kollettiva minn kull membru ta' dik il-kollettività, li l-inġurja tolqot lill-kulħadd indistintament, u jeskludiha jekk tintuża l-lokuzzjoni "alcuni" jew "parecchi";

L-Odgers, "On Libel and Slander", p. 147, jesprimi l-istess konċett, meta jgħid, kwantu għall-proċedibbilità minn kull membru singolu ta' klassi, il-kliem "Where the words reflect on each and every member of a certain number or class, each or all can use". L-Odgers in kalċe, mbgħad, tas-subtitolu ta' "Illustrations", jiċċita diversi eżempji kjarifikaturi;

Anki l-Carrara, Programma, Parte Speciale, Vol. III, paġ. 258, para. 1837, wara li jsemmi l-każ tal-"ingiuria collettiva", jiġifieri "quando trattisi di una collettività che non è riconosciuta come corpo morale, per esempio gli avvocati di una provincia, i soldati di una compagnia, e simili......", jirrestrinġi l-proċedibbilità tal-inġurja minn kull membru tal-kollettività għall-każ minnu delineat b'dawn il-kliem:— "L'ingiuria collettiva può essere tale che ferisca ogni membro componente il collegio nel suo stesso individuo: si è detto che un'accademia è composta di ignoranti, ciò vale come se si fosse detto di ciascun accademico che è un ignorante......";

Għalhekk, bħala prinċipju, dak li sostna d-difensur tal-kwerelat hu korrett;

Iżda, meta wieħed jiġi biex japplika dawn l-insenjamenti għall-każ partikulari, wieħed għandu joqgħod attent li jeżamina dak kollu li ngħad u ċ-ċirkustanzi kollha konkomitanti; għaliex jista' jkun illi l-kelma apparentement limitattiva, meta tkun meqjusa fil-kontest tad-diskors kollu u

taċ-ċirkustanzi kollha, titlef l-effett limitattiv, u tibqa' minflok ir-riferenza ġenerali u llimitata;

Dan hu appuntu dak li ġara fil-każ in ispeċje. Din il-Qorti ma tħossx li mill-provi jista' jingħad b'eżattezza x'kienet is-sekwenza tal-kliem li fl-okkażjoni ta' dan il-meeting qal il-kwerelat; imma jirriżulta li fl-istess kontest hu qal anki kliem oħra. Beda biex għamel riferenza li kienet tolqot it-tobba kollha, meta qal:— "L-avukati lagħbukhom, issa oqogħdu attenti li l-kuġini tagħhom, it-tobba, ma jagħmluhielkhomx huma";

Fil-kors tal-istess diskors għamel ukoll riferenza oħra ġenerali, meta qal li t-tobba f'Għawdex raw kif għamlu biex kien hawn tabib tajjeb ħelsu minnu, li hu Dr. Tua";

Fl-istess diskors, għalhekk, li fih il-kwerelat qal il-kliem lilu addebitati fl-inġurja, hu laqgħat, b'żewġ riferenzi nġurjużi, it-tobba kollha ta' Għawdex. Konsegwentement, il-kelma limitattiva kellha tkun ta'i li tinnewtralizza l-impressjoni ta' dawk iż-żewġ riferenzi ġenerali. Issa, il-kelma "ċerti", fil-parlata maltija, ma għandhiex biss is-sens ta' "alcuni", kif għandha l-kelma "x'uħud", imma barra dak is-sens għandha anki l-ieħor ta' "tobba ta' ċerta kwalità", jew "tobba ta' ċertu kalibru", jew "tobba li jaħsbuha f'ċertu mod"; u għalhekk hi kelma ambigwa li pjuttost tieħu s-sinifikat proprju tagħha mill-kontest. F'dan il-każ, il-kontest, kif juru dawk iż-żewġ riferenzi ġenerali, kien attakk kontra t-tobba kollha ta' Għawdex, u per konsegwenza l-kelma "ċerti", fil-kontest partikulari tad-diskors kollu tal-kwerelat, ma kienetx tali li tiskanċella minn dawk li kienu qegħdin jisimgħu l-impressjoni li l-kwerelat kien qed jolqot it-tobba kollha;

Infatti, diversi minn dawk li semgħu d-diskors u ġew prodotti bħala xhieda, fehmu li r-riferenza kontumeljuża, kontenuta fil-kwerela, kienet għat-tobba kollha, u fil-kontest tad-diskors kollu, u dato anki n-numru ferm limitat tat-tobba f'Għawdex, il-Qorti ssib raġjonevoli din l-impressjoni. Hu risaput li l-malafama, meta wieħed juża kliem inġurjużi jew ambigwi, tiddependi mhux mis-"secret intent of the speaker", imma mill-"apprehensions of the hearers"

— s'intendi, "hearers" ta' intelliġenza ordinarja, b'mod li jifhmu l-kliem raġjonevolment (Odgers, loc. cit., p. 109). Id-"drift" ġenerali tad-diskors kien attakk kontra t-tobba kollha ta' Għawdex, għaliex hekk juru ż-żewġ riferenzi fuq oltati; u l-kelma "ċerti", li kif ingħad hi nterpretabbli mhux biss f'sens ta' limiti kwantitattivi, imma anki ta' kwalità, ma kienetx biżżejjed biex tirrestrinġi l-inġurja għal x'uħud biss u tipperimi l-azzjoni kollettiva. Il-fatt, mhux injorat mill-kwerelat, li t-tobba f'Għawdex huma xi tnax biss, li minnhom xi tmienja eżerċenti privati, mhux biss issoddisfa r-rekwiżit ta'-faċili determinabbilità, skond is-sentenza "Strickland vs. Mintoff", 8.1.1955, imma anki kien fattur li ma setgħax ma joperax fuq il-mod li bih diversi mill-astanti fehmu r-riferenza, li ċjoè kienet tolqot it-tobba kollha ta' Għawdex. Altru tuża l-kelma "ċerti" għal klassi ferm eżigwa, u altru tużaha għal klassi pjuttost estiża; molto pjù jekk fl-ewwel każ tkun, fl-istess kontest ta' diskors, qiegħed tagħmel riferenza għal kulħadd indistintament, kif ġara fil-fattispeċje. Hu naturali li l-astanti f'meeting ma jkunx qed jiżnu u jqiesu metikolożament kull kelma partikulari, imma li jifhmu s-sens ġenerali; u jekk it-ton tal-attakk f'dan il-każ kien, kif kien, attakk abużiv kontra t-tobba kollha, kif kien bil-kliem li l-ewwel lill-Għawdxin ingannawhom l-avukati u issa aħjar joqgħodu attenti li ma jingannawhomx it-tobba, hi ħaġa kapibbli u raġjonevoli li kull kelma denigrattiva, fl-istess kontest ta' diskors, tieħu l-kulur tagħha minn dak it-ton ġenerali u titqies riferibbli għalhekk għat-tobba kollha;

Appena hemm bżonn jingħad li l-fatt li dawn il-kliem intqalu f'meeting publiku ma jiswiex lill-kwerelat; għaliex, kif tajjeb qalet din il-Qorti diversament presjeduta, App. Krim. "Pulizija vs. Mintoff", 30 ta' Ġunju 1950, "il-liġi tagħna ma tirrikonoxxi ebda pożizzjoni privileġġjata lil min jagħmel diskorsi f'meetings aktar milli tirrikonoxxi lil persuni oħra f'ċirkustanzi diversi, u tapplika għalihom ir-regoli ġenerali tal-imputabbilità";

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-kwerelat u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu. Drittijiet tad-difensuri "uti infra";

Il-Qorti tordna illi, stante dak li gie rilevat f'din is-sentenza dwar l-okkju tal-kawża, din tiġi reġistrata fl-indiċi, minbarra bl-okkju kif inhu issa, anki b'dak "Dr. Alfred Cauchi et. vs. Henry Jones", u li fit-traskrizzjoni ta' din is-sentenza jitqiegħed, ħdejn l-okkju, asterisk b'nota in kalċe tal-paġina b'dawn il-kliem "Ara, għall-okkju ta' din il-kawża, il-paragrafu ta'-aħħar ta' din is-sentenza";

Tnax il-xelin għas-seduta tas-16 ta' Jannar 1960 u għaxar xelini għal dik tal-lum.